MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## GUDIKATUR DR.
## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tad-19 ta' Frar, 2014

Talba Numru. 491/2013

Awtorita' **ghat-Trasport f'Malta**

**Vs**

**Farrugia Charles**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-26 ta' Awissu, 2013 fejn qabel xejn l-Awtorita' rikorrenti tispjega illi b'effet mill-1 ta' Jannar, 2010 hija s-successur fil-poteri u d-drittijiet tal-Awtorita' Marittima ta' Malta u dan ai termini tal-Kap 499 tal-Ligijiet ta' Malta [l-Att dwar l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta].

Ir-rikorrenti titlob minghand il-konvent is-somma ta' disa' mija u wiehed u ewro u tlettax-il centezmu (€901.13), rapprezentanti berthing fees dovuti mill-konvenut lill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta [precedentement l-Awtorita' Marittima ta' Malta] rigward il-boat Piango. Nhar il-21 ta' Jannar, 2011 kienet intbaghtet ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Dok TM 1) izda l-konvenut baqa' ma giex notifikat u l-ammont dovut baqa' jizdied (ara statement TM 2). Il-konvenut ghadu sallum inadempjanti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali msemmija u bl-imghax legali mid-data tal-fatturi sal-pagament effettiv kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tad-29 ta' Jannar, 2014 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tad-29 ta' Jannar, 2014 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma disa' mija u wiehed u ewro u tlettax-il centezmu (€901.13), bl-imghax mid-data tal-fatturi sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ikunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------